Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 27 ta' Mejju 2025**
**(OR. en)**

**9434/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0126 (NLE)**

**CCG 17**

## PROPOSTA

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 26 ta' Mejju 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 253 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL<br>dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f’isem l-Unjoni Ewropea rigward id-deċiżjoni prevista tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati dwar id-dispożizzjonijiet dwar ir-rati tal-imgħax |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 253 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 253 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.5.2025
COM(2025) 253 final

2025/0126 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f’isem l-Unjoni Ewropea rigward id-deċiżjoni prevista tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati dwar id-dispożizzjonijiet dwar ir-rati tal-imgħax**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tal-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati (l-"Arranġament") rigward deċiżjoni prevista biex temenda d-dispożizzjonijiet dwar ir-rata tal-imgħax tal-Arranġament. Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu Rati ta' Referenza tal-Imgħax Kummerċjali (''CIRRs'', Commercial Interest Reference Rates) minimi li japplikaw għal appoġġ uffiċjali ta' finanzjament għall-krediti għall-esportazzjoni.

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. L-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati

L-Arranġament huwa Ftehim bejn ġentlomi bejn l-UE, l-Istati Uniti tal-Amerka, il-Kanada, il-Ġappun, il-Korea, in-Norveġja, l-Iżvizzera, l-Awstralja, New Zealand u t-Turkija, li għandu l-għan li jipprovdi qafas għall-użu ordnat għal krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati. Fil-prattika, dan ifisser li jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni (li permezz tagħhom il-kompetizzjoni tkun ibbażata fuq il-prezz u l-kwalità tal-prodotti u s-servizzi esportati u mhux fuq it-termini finanzjarji offruti) u ħidma biex jiġu eliminati s-sussidji u d-distorsjonijiet kummerċjali relatati ma' krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati. L-Arranġament daħal fis-seħħ f'April 1978, huwa għal durata indefinita u, għalkemm jirċievi s-sostenn amministrattiv tas-Segretarjat tal-OECD, mhuwiex Att tal-OECD[1].

L-Arranġament huwa soġġett għal aġġornamenti regolari, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi tas-suq finanzjarju u tal-politika li jaffettwaw l-għoti ta' krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati. L-Arranġament huwa legalment vinkolanti fl-UE, skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2]. Ir-reviżjonijiet tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-Arranġament huma inkorporati fid-dritt tal-UE permezz ta' Atti delegati skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

### 2.2. Il-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati

Il-Kummissjoni tirrappreżenta lill-Unjoni fil-laqgħat u l-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-parteċipanti (il-"Parteċipanti") fl-Arranġament. Id-deċiżjonijiet dwar l-emendi tal-Arranġament jittieħdu b'kunsens. Il-pożizzjoni tal-Unjoni hija adottata mill-Kunsill u diskussa mill-Istati Membri fil-Grupp tal-Kunsill dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni[3].

### 2.3. L-Att previst tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati

Ic-CIRRs huma rati tal-imgħax minimi fissi li jistgħu jiġu offruti bħala parti minn kuntratt ta' finanzjament tal-esportazzjoni appoġġat mill-gvern. Is-CIRRs huma fissi għal kull munita tal-Parteċipanti fl-Arranġament. Fl-2021, id-dispożizzjonijiet tas-CIRR ġew irriformati b'mod komprensiv, u jkopri l-aspetti operazzjonali (eż. modalitajiet bħaż-żamma u l-iffissar tar-rati tal-imgħax), kif ukoll aspetti strutturali (eż. rati bażi, marġni u ħlas addizzjonali). L-għan tar-riforma tas-CIRR kien li jiġu armonizzati prattiki ta' self fost il-Parteċipanti u li s-CIRRs iqarrbu aktar ir-rati tas-suq.

---

1 Kif definit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni dwar l-OECD.

2 Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45).

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Politika għall-Assigurazzjoni ta' Kreditu, Garanziji ta' Kreditu u Krediti Finanzjarji, (ĠU 66, 27.10.1960, p. 1339).

Il-Parteċipanti ftehmu li s-CIRR għandu jkompli jkun magħmul minn rata bażi, b'rabta mar-rendimenti tal-bonds tal-gvern, u marġni. Madankollu, il-marġni ma għandux jibqa' jiġi ffissat għal 100 punt bażi (bps, basis points) biex isir aktar riflessiv għas-suq. Il-marġni l-ġdid tas-CIRR ġie kkalkolat bl-użu tal-formula li ġejja:

*Marġini CIRR = 0.5 * (medja ta' tliet xhur tar-rendimenti tal-firxa tal-iswap ta' ħames snin ta' kuljum) + 80 punt bażi.*

Il-medja ta' tliet xhur tal-firxiet tal-iswap ta' ħames snin ta' kuljum li għandhom jintużaw kellha tinkiseb billi tiġi kkalkolata l-medja aritmetika tal-firxa tal-iswap ta' ħames snin ta' kuljum tal-aħħar tliet xhur kalendarji fil-muniti rilevanti.

Il-London InterBank Offered Rate (LIBOR) kienet ir-rata użata minn ħafna Parteċipanti bħala rata normattiva għall-kalkolu tal-firxiet tal-iswap. Madankollu, wara l-waqfien tal-LIBOR fi tmiem l-2021, fit-30 ta' Diċembru 2022, il-Parteċipanti ftehmu li jimplimentaw marġni temporanju ta' 100 punt bażi għall-muniti kollha għal sena mill-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda tas-CIRR (sal-14 ta' Lulju 2024). Sussegwentement, fis-6 ta' Novembru 2023, il-Parteċipanti ftehmu li jestendu l-marġni temporanju għal sena oħra, sal-14 ta' Lulju 2025, jew sakemm il-Parteċipanti jkunu jistgħu jiftehmu dwar alternattiva. Meta titqies l-iskadenza li jmiss tas-soluzzjoni temporanja ta' 100 bps, issa trid tinstab triq il quddiem aktar stabbli.

## 3. Pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni

Il-waqfien tal-LIBOR fl-2021 fixkel is-soluzzjoni prevista mill-Parteċipanti għall-kalkolu tal-marġni tas-CIRR għal ħafna muniti, peress li LIBOR ma baqgħetx għażla li tintuża bħala rata ta' referenza għall-kalkolu tal-firxiet tal-iswap.

Minħabba dan, l-UE tappoġġa l-użu ta' 100 bps bħala l-marġni tas-CIRR għall-muniti kollha fuq bażi permanenti bħala triq 'il quddiem lil hinn mill-14 ta' Lulju 2025. L-użu ta' 100 bps fuq bażi permanenti jissimplifika s-sistema tas-CIRR u jipprovdi ċertezza tan-negozju. Hija wkoll soluzzjoni attraenti f'termini ta' trasparenza, li s-soluzzjoni tal-firxa tal-iswap spiss kienet nieqsa minnha, speċjalment fir-rigward tar-rati normattivi użati. Barra minn hekk, filwaqt li r-ritorn għall-approċċ ta' 100 bps jirrifletti inqas is-suq mis-soluzzjoni prevista mill-Parteċipanti, għad fadal elementi ewlenin oħra tar-riforma, inkluż dwar l-elementi operazzjonali.

Jekk il-Parteċipanti ma jaqblux dwar soluzzjoni permanenti għall-istabbiliment tal-marġni tas-CIRR, l-UE tappoġġa l-estensjoni tas-soluzzjoni temporanja attwali, jiġifieri l-estensjoni ta' marġni temporanju ta' 100 punt bażi għall-muniti kollha għal sena waħda jew aktar mill-14 ta' Lulju 2025.

Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-laqgħa tal-Parteċipanti f'Ġunju 2025 tkun li tapprova d-deċiżjoni prevista tal-Parteċipanti fl-Arranġament biex jadottaw linji gwida ġodda dwar l-istabbiliment tal-marġni tas-CIRR.

## 4. Bażi legali

### 4.1. Bażi legali proċedurali

#### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma

għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-UE"[4].

*4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-att previst jista' jinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE. Dan għaliex bis-saħħa tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, li jiddikjara li "[i]l-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 3 sabiex temenda l-Anness II b'riżultat ta' emendi għal-linji gwida miftiehma mill-Parteċipanti għall-Arranġament".

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

## 4.2. Bażi legali sostantiva

*4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

*4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-krediti għall-esportazzjoni, li huwa fl-ambitu tal-politika kummerċjali komuni. Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 TFUE.

## 4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

[4] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

2025/0126 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea rigward id-deċiżjoni prevista tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati dwar id-dispożizzjonijiet dwar ir-rati tal-imgħax

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-linji gwida li jinsabu fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati ("l-Arranġament") ġew trasposti, u b'hekk saru legalment vinkolanti fl-UE bis-saħħa tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

(2) Il-Parteċipanti jridu jiddeċiedu dwar soluzzjoni biex jiġu emendati d-dispożizzjonijiet fl-Arranġament dwar l-istabbiliment tal-marġni tas-CIRR, wara l-waqfien tal-LIBOR.

(3) Id-deċiżjoni prevista biex temenda d-dispożizzjonijiet dwar is-CIRRs jenħtieġ li tipprovdi aktar ċarezza u tarmonizza l-prattiki ta' self, u b'hekk ittejjeb il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost il-Parteċipanti.

(4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub tal-Parteċipanti fl-Arranġament, peress li d-deċiżjoni prevista tkun tista' tinfluwenza b'mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, bis-saħħa tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-kuntest tal-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati rigward ir-rieżami tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rata tal-imgħax tal-Arranġament, partikolarment fir-rigward tal-istabbiliment tal-marġni, għandha tkun konformi mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45) (ir-"Regolament (UE) Nru 1233/2011").

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*